## L-Indafa f'Ħajjitna

**Il-komponiment ta' hawn jismu L-Indafa f'Ħajjitna.**
Ejjew naqrawh, imbagħad nassessjawh. Naraw xi punti sbieħ tiegħu u xi punti li nistgħu nirranġawlu. Nimmaġinaw li dan il-komponiment kitbu tifel jismu Alekx.

① L-Indafa f'Ħajjitna

L-indafa f'ħajjitna vridu nitħdu tħsiebha għax inkella ma nkunux ~~kandi~~ kandi u puliti, anzi nintnu! L-importanza ta' l-indafa f'ħajjitna tgħinna nikbru f'saħħitna. Din tgħinna bil-fatt biex nibqgħu b'saħħitna, ferħanin u bil-ħbieb, għax jekk tkun tinten ma jkollokx ħbieb. Kull filgħodu trid taħsel snienek, kull nofsinhar trid taħsel snienek, u kull filgħaxija trid taħsel snienek ukoll. Trid tinħasel filgħodu, u trid tinħasel filgħaxija. Kull nhar ta' Ħadd bejn wieħed u ieħor, trid taqta' xagħrek biex tibqa' pulit jew pulita. Trid taħsel xagħrek dejjem għax inkella (~~taqgħalek~~) taqalek u tkun bla xagħar. Trid tieħu ħsieb persuntek għax bħal ma (~~għid~~) għidt qabel tinten u ma jkollokx aktar ħbieb, jekk ikollok ħbieb toqrasl u jaqgħdu jgħajruk minn warajk. Kulħadd irrid iżomm f'moħħu jew f'rasu li l-ħmieġ iwassal għal-mard normali, għal-mard serju u anke Alla ħares għat l-Ukiemja li tfisser "Infection" fid-(~~demm~~) demm. Nisperaw li tkunu nodfa u puliti biex ikollkom ħafna (~~ħb~~) ħbieb (~~bħal min~~) bħal min jkun nadif.

1. Is-suġġett: Alekx żamm mas-suġġett, jiġifieri l-indafa. Kiteb fuq il-ħtieġa ta' l-indafa jekk irridu nibqgħu b'saħħitna. Qal ukoll li fejn m'hemmx l-indafa hemm il-ħmieġ u li dan iġib il-mard.

2. L-introduzzjoni: Aleks daħal fis-suġġett mill-ewwel, bla ebda kliem żejjed. Forsi għalih l-ewwel sentenza hija l-introduzzjoni. Imma Aleks ma għamilhiex paragrafu għaliha, kif suppost li għamel.

3. Paragrafi: Il-kompooniment jikkonsisti f'paragrafu wieħed. Jidher li Alekx fadallu jitgħallem kif għandu jkun imqassam komponiment, jiġifieri l-introduzzjoni, xi paragrafu jew tnejn biex jesprimi l-ideat ewlenin u l-konklużjoni.

4. Ortografija/Grammatika: Dan il-komponiment huwa ta' min ifaħħru f'dan il-qasam. Ftit li xejn għandu żbalji.
   taqalek (linja 13) li trid tinkiteb b' *għ*.
   għal-mard (linja 18) li trid tinkiteb *għall-mard*, *għal + l- = għall-*, ngħidu *tal-mard,* mhux *ta' mard*.
   Hemm ukoll żball fl-aħħar linja. Sibu u kkoreġih.

5. Oriġinalità u immaġinazzjoni: Dan il-komponiment mhux b'saħħtu f'dan il-qasam. Alekx illimita ruħu għall-indafa personali. Huwa seta' firex ftit aktar.

6. Malti idjomatiku: Aleks jikteb Malti tajjeb imma mhux idjomatiku. Seta' daħħal idjoma bħal *nadif tazza / pinna,* jew *donnu pupilla / xummiema*.

7. Punteġġjatura: Alekx ħa ħsieb il-punteġġjatura. Ngħidu aħna jibda sentenzi b'ittri kbar u jagħmel waqfiet fejn hemm bżonn.

8. Konklużjoni: Forsi l-aħħar sentenza nistgħu noħduha bħala konklużjoni, għalkemm din hija repetizzjoni ta' idea waħda li Alekx kien diġà qal qabel.

9. Kalligrafija: ċara biżżejjed.

Int x'jidhirlek minn dan il-komponiment? Għal xi affarijiet Alekx ħaqqu prosit. Għal oħrajn ngħidu li Alekx għandu bżonn jagħmel sforz biex jirranġa.

Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq tikkummenta fuqha? Ngħidu aħna x'jidhirlek minn kif esprima ruħu Alekx f'linji 7, 8 u 9?

---